Minuti tal-34 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 20 ta' Mejju, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 3.06pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley Ann Cecchini |
| | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-33 u 34 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Seher il-Punent 2015**

2.1 Is-Sindku spjega li l-attivita' marbuta ma' Seher il-Punent u li kellha ssir fis-6 ta' Gunju ghandha tigi posposta minhabba li f'dik il-gurnata hemm diversi attivitajiet ippjanati gewwa Ghawdex. Giet ghalhekk proposta id-data tal-Hadd 16 ta' Awissu liema gurnata ma fihiex festi u jkun hawn diversi vizitaturi. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li dan il-festival ghandu jsir fid-data proposta ta' Awissu. Is-Sindku ippropona ukoll sabiex isiru *water games*.

**3.0 Inawgurazzjoni Progetti M313**

3.1 Gie spjegat li d-data tal-Inawgurazzjoni tal-Progett ghandha tigi pospota peress li x-xogholijiet ghad m'humiex lesti. Is-Sindku spjega ukoll li l-Gimgha ser issir laqgha mal-Paying Agency sabiex jigu diskussi xi materji relatati mall-progett u b'hekk inkunu nistghu niffinalizzaw ix-xogholijiet. Ser tintalab estensjoni ohra sa fejn hu possibli. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.0 Monument fi Triq l-Gharb**

4.1 Gie spjegat li mill-kwotazzjonijiet li ingabru dan il-monument ser jigi jiswa' madwar €4000. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mall-kwotazzjoni sottomessi.

4.2 Emanuel Muscat staqsa min kienu dawk li tefghu l-offerti fejn gie moghti d-dettalji mitluba.

4.3 Gie spjegat li sabiex il-monument jigi imdawwal il-Kunsill irid japplika ghall-PSL form ma' l-Enemalta.

4.4 Is-Sindku isugerixxa sabiex dan il-monument jigi inawgurat waqt Jum l-Gharb. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jigi mistieden il-Ministru ghal Ghawdex sabiex jinawgura il-Monument, wara ssir Quddiesa gewwa l-Knisja, segwita bis-serata ta' Jum l-Gharb bis-sehem tal-Banda, it-talent show mis-summer club u ghoti ta' Premju Gharb u rikonoxximenti ohra.

## 5.0 Progetti u Xogholijiet

5.1 Gie spjegat li l-haddiem tal-Kunsill Raymond Rotin qed ikompli bix-xoghol fuq Sqaq il-Fgura. Inbena l-hajt u saret il-bankina u qed ikompli inaddaf u jaghmel il-hajt u wara ha jkompli x-xoghol.

5.2 Il-Vici Sindku qalet li quddiem numru 176, Sqaq il-Fgura ghadu hiereg l-ilma. Ittiehdet nota u ser jerga' jigi rrapurtat.

5.3 Emanuel Muscat semma l-problema tal-hmieg tal-hamiem fil-bidu ta' Triq il-Knisja. Gie spjegat li s-sid diga gie infurmat u li baqa' maghna li l-ewwel darba li ser ikun Ghawdex ser jiehu hsieb jaghlaq it-toqob. Il-Kunsill ser jerga' jiehu hsieb li jkellem lis-sid fir-rigward ta' din il-problema.

5.4 Il-Vici Sindku semmiet li fejn it-telephone box fi Sqaq il-Fgura hemm bzonn li tinkines. Is-Sindku spjega li huma diga tkellem mad-Dipartiment ikkoncernat peress li fit-Triq ta' l-Gharb hemm bzonn ta' qtugh ta' haxix.

5.5 Gie spjegat li x-Xoghol fuq il-Mizura 125 fi Triq ta' Wied ir-Raghab ghaddej u li ser jitlesta' fil-jiem li gejjin. Emanuel Muscat staqsa jekk ittiehdux samples tac-cement. Is-Sindku ikkonferma li dawn ittiehdu.

Fir-rigward tal-Progett taht din il-Mizura s-Sindku isugerixxa li jinbena' hajt fil-bidu ta' Triq sabiex tkun tista' tehel tabella tal-progett ta' l-irham. Emanuel Muscat isugerixxa li jkun hajt tas-sejjieh biex jikkuplimenta maz-zona. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

5.6 Anthony Camilleri staqsa dwar il-qsim ta' Triq ta' Sdieri. Is-Sindku spjega li dik kienet problema tad-drenagg u li meta kienu ghaddejin ix-xogholijiet biex jinghata l-wicc tat-tarmak tharket il-*manhole* tad-drenagg. Sadanittant min-naha tal-Ministeru it-toqob imtlew it-toqob bic-cement biex jaraw ikunx hemm movimenti ohra pero' ma tharrek xejn.

5.7 Emanuel Muscat qal li hemm ilment minhabba li l-bozza li hemm fic-cimiterju tinsab mitfija. Is-Sindku spjega li min-naha ta' l-Enemalta ma rridux jibdluha ghaliex qed jghidu li hemm periklu ghalihom.

Emanuel Muscat ikkonferma li din tista' tkun ta' periklu ghall-haddiema ta' l-Enemalta u isuggerixxa sabiex din titharrek u tehel fuq in-naha ta' barra. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li din ghandha tehel fuq barra pero' ghandha ssir talba lill-Enemalta sabiex jehel arblu iehor biex ma jintilifx dawl fic-cimiterju.

5.8 Il-Vici Sindku semmiet il-Memo 10/2015 dwar Ghajnuna lill-Kunsilli li ghandhom ir-Responsabilita' ta' librerija. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghas-somma ta' €200.

**6.0 Korrispondenza u materji ohra**

6.1 Minghand l-Arcipriet fir-rigward tal-festa tar-rahal 2015. Giet diskussa l-ittra fejn il-Kunsill qabel li fir-rigward tat-tindif ta' wara l-Infiorata l-Kumitat tal-Festa ghandu jintalab sabiex jingabru l-kaxxi u jinhargu t-Tnejn filghodu u jingabru minn tat-trakk tar-rubbish. Fir-rigward tal-kiosks dawn ghandhom jibqu l-istess bhal tas-sena l-ohra.

Emanuel Muscat isugerixxa sabiex jitpoggew iktar tankijiet tar-rubbish bil-possibilita' li jinbidlu l-boroz aktar ta' spiss specjalment il-Hadd tal-Festa biex jghin ikun hawn aktar indafa waqt il-festa. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

Bhala parti mill-ittra, l-Kunsill iddiskuta ukoll dwar l-Infiorata u d-disinn taghna fejn sadanittant qed isiru l-kalkoli ta' kemm hemm bzonn ta' fjuri. Emanuel Muscat staqsa jekk nistghux naraw kif nirringaw biex il-Kunsill jiffranka l-ispejjez. Is-Sindku spjega li fil-fatt qed jigi identifikat x'hemm bzonn u t'tip ta' fjuri ser jintuzaw biex jekk inkunu ser naqbzu l-budget inbidlu l-ordni minflok roses indahhlu l-chrisantemi u barkchips pero' irridu naraw il-kwantitajiet.

Fir-rigward tad-disinn gie innotat li d-disinn li ghadda ghand il-Kunsill mhuwiex dak originali pero' huwa biss kopja. Il-Kunsill qabel li d-disinni originali ghandhom jintalbu lura lill-Arcipriet peress li dawn huma propjeta' tal-Kunsill fejn iktar 'il quddiem huwa l-hsieb li jigu esposti fl-Art Gallery.

6.2 Minghand il-Kumitat Milied f'Ghawdex fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex fir-rigward ta' l-attivitajiet ser li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied sabiex jintbghatu d-dettalji u informazzjoni sat-30 ta' Gunju, 2015. Is-Sindku isugerixxa li kif gara fl-ahhar Milied, jekk il-familja Sagra terga' tkun ser titlaq mill-Gharb ghal Bethlem f'Ghajnsielem issir attivita' gewwa l-Pjazza fejn fost ohrajn tinxtghel il-Christmas Tree u jkun hemm bazaar tal-Festa, Carol Singing u min ikolli xi presepju ikun jista' jesibih. Shirley-Ann Cecchini issugeriet li jkun hemm l-involviment tal-banda. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

Fuq dan il-punt gie innotat li c-Chairman ta' dan il-kumitat l-Avukat Joe Mifsud gie mahtur magistrat. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbghat ittra ta' awguri lilu u lil Dr. Monica Vella, Vici-Sindku tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

6.2 Giet diskussa ittra ohra minghand l-Arcipriet fir-rigward tas-Summer Club li torganizza l-Parrocca ghat-tfal fejn il-Kunsill intalab jaghti l-kollaborazzjoni tieghu. Il-Kunsill qabel li joffri l-kollaborazzjoni bhas-snin precedent u min-naha taghhom jaghtu esebizzjoni waqt Jum l-Gharb. Il-Kunsill innota li qed jigri sikwit il-kaz li l-Kunsill joffri l-kollaborazzjoni tieghu pero' waqt il-pubblicita' ta' l-attivitajiet il-Kunsill qatt ma jisemma. Il-Kunsill ghalhekk iddecieda li jaghmel nota ta' dan fl-ittra li ser tintbghat lill-Arcipriet.

6.3 Carmen Vella semmiet il-fatt li n-nies ma japprezzawx il-kuncerti u mhumiex sewwa li jitellghu wara l-Quddiesa. Hija ssuggeriet li meta jitella' xi kuncert jitharrek il-hin tal-Quddiesa jew tigi ikkancellata bhal ma jsir meta jkun hemm xi funeral. Anthony Camilleri qal li dan jiddependi ukoll miz-zmien u perijodu li jkunu qed jigu organizzati. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi suggeriment lill-Arcipriet dwar dan.

6.4 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-MEPA:
Applikazzjoni ghal permessi ta' zvilupp numru PA1637/15, PA3403/14 u PA2912/14.

6.5 Minghand il-Board tal-Governanza dwar il-Kaz Numru 007/2015 – Applikazzjoni ghal Depozitu ta' Materjal ta' Bini – Kunsill Lokali l-Gharb. Gie spjegat li l-Kunsill kien ircieva ilment minghand is-Sur Charlie Axiaq fir-rigward ta' permess ta' *scaffolding* fi Triq ta' l-Gharb fejn huwa ilmenta li ma kellux ihallas dan il-permess. Il-Kunsill kien irrisponda l-ittra permezz ta' l-Avukat Dr. Damian Bigeni pero' dan rega' irregistra ilment mall-Board tal-Governanza. Wara li inghatat ir-risposta u d-dokumenti kollha relatati fosthom anke korrispondenza min-naha tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn huma ikkonferma li l-Kunsill kellu jimxi mall-procedura li fil-fatt mexa maghha lill-Board tal-Governanza, dawn ikkonfermaw li fil-fatt ma' kien hemm ebda' nuqqas min-naha tal-Kunsill.

6.6 Giet diskussa l-edizzjoni tal-Pjazza fejn il-Kunsill qabel li din ghandha tigi ippublikata u li fiha ghandhom jigu inkluzi x-xogholijiet tal-ground, informazzjoni dwar ic-Centru tas-Sahha, informazzjoni dwar korsijiet, avviz dwar ic-CCTV Camera u avvizi dwar il-one way temporanju ghal zmien il-festa.

Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li persuni b'dizabilita' ma jkunux jistghu jidhlu fic-Centru tas-Sahha peress li hemm daqsxejn ta' xifer. Gie spjegat li fil-fatt diga intalbet kwotazzjoni ghac-Centru tas-Sahha sabiex issir rampa u fil-kaz tal-Maltapost li hemm l-istess problema intbghatet ittra ta' ilment sabiex jiehdu azzjoni.

Il-Vici Sindku issugriet sabiex ninkludu mall-korsijiet kors tal-purtieri. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

6.7 Giet diskussa s-survey li l-Kunsill ser jaghmel fejn sar qbil li s-sezzjonijiet ghandhom jinqasmu f'indafa, manutenzjoni, attivitajiet, progetti, komunikazzjoni, edukazzjoni u sahha. Is-Sindku stieden sabiex kull min ghandu xi suggerimenti jghaddihom lill-Kunsill. Meta jingabar l-informazzjoni ikun jista' jsir pjan ta' hidma ghas-snin li gejjin.

## 7.0 Skeda ta' Pagamenti

7.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

## 8.0 Kontinwazzjoni materji ohra

8.1 Gie spjegat li c-CCTV Camera tal-Pjazza issa qeghda f'posta u qeghda tahdem. Gie spjegat ukoll li ser jigi ippublikat avviz ghar-residenti fuq il-Pjazza u ser jehlu tabelli fuq il-post. Min ser ikun qed jikser ir-regolamenti ser jinghata l-ewwel avviz u wara

tlett darbiet tinhareg kontravenzjoni. Giet spjegat ukoll li l-Kunsill irid jara kif ser isir l-immanigjar tal-Camera u jekk il-Kunsill jistax jigbor parti mill-flus tal-kontravenzjoni.

Il-Vici Sindku saqsiet din tkunx tghodd ghat-trakkijiet li jghaddu mill-Pjazza. Gie spjegat li fil-prezent din qeghda hemm minhabba l-vetturi kollha li jghaddu kontra r-*roundabout*. It-trakkijiet ma jistghux jghaddu mill-Pjazza apparti biex jaghtu servizz.

Emanuel Muscat staqsa jekk vetturi ma jkunux jistghu jduru mar-*roundabout* bhal ma huma makkinarji ta' l-eghlieqi jistghu jghaddu min-naha taz-zuntier. Gie spjegat li dawn iridu jsidu toroq alternattivi ghaliex vettura qatt ma tista' tghaddi kontra l-linja. Il-Kunsill qabel li ghandhu jsir zebgha madwar ir-*roundabout* u jitwahhlu s-sinjali adegwati.

8.2 Fir-rigward tat-tabelli gie innotat ukoll li zewg tabelli li hemm fil-bidu ta' Triq Birbuba huma imsaddin u jridu l-bdil. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinbidlu.

8.3 Shirley-Ann Cecchini issugeriet li t-triq id-dejqa li hemm wara l-knisja ghal Triq Trux ssir *one way*. Saret diskussjoni fejn Emanuel Muscat u Anthony Camilleri ma qablux ma din il-proposta ghaliex hekk jizdied it-traffiku fil-Pjazza.

8.4 Emanuel Muscat staqsa lis-Sindku dwar il-vjagg ricenti li sar gewwa l-Italja fejn is-Sindku spjega li kien wiehed interessanti u li gie iffirmat ftehim preliminary. Huwa zied jghid li l-Kunsill ta' Ortenzano ser ikun qed jahdem sabiex ihejji progetti u jinqasmu gruppi biex finalment ikun jista' jsir gemellagg u tigi pprezentata applikazzjoni f'Settembru. Is-Sindku qal li huwa kien akkumpanjat minn Laurence Sciberras li sab dan il-gemellagg.

**9.0 Aggornament**

9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il 23 jew 24 ta' Gunju, 2015.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 4.16pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv